BIRGU
Città Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166   Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270  Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt**    website : **www.birgu.gov.mt**

28 t'Ottubru, 2011
.

## Minuti tal-laqgha numru 60(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha  numru 60(05) nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru, 2011 fil-Berga ta' Franza fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.

### Preżenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera, s-Sur Ivan Peresso – Kunsillier, s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera.

Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar kien assenti.

Ippresieda l-laqgha s-Sur John Boxall, Sindku.

### Talba

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

Is-Sindku, s-sur John Boxall, talab lis-Segretarja Ezekuttiva, sabiex tibgaht ittra lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali, bir-raguni ghala l-Kunsill dam ma' jintaqa'u ma jaghmel laqgha tal-Kunsill, fejn tispjega, li dan ma sarx bi traskuragni, izda minhabba diversi impenni li kull Kunsillier kellhu individwalment, kemm personali, kif ukoll relatati ma' xoghol ta' l-istess Kunsill, fejn b'dispjacir qatt ma setgha jinholoq "quorum". Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Item 1.1 (58/05) The Malta Artisan Market

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li nhar il- Gimgha 21 t'Ottubru, 2011, kellhu laqgha mas-Sinjura Yolande Keinjan, il-persuna responsabli mil-organizazzjoni ta' "The



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

Malta Artisan Market", sabiex din l-attivita, terga' titella' fil-Belt tal-Birgu, propjament f'Couvre Porte, wara li dan sar f'diversi lokalitajiet fosthom l-Isla u l-Kalkara. Is-Sindku zied jghid li din l-attivita tigbed in-nies lejn il-Belt tal-Birgu, u ssugerixxa li l-Kunsill jerga' jaghmel laqgha mas-Sinjura Kleinjan biex tigi diskussa f'aktar dettal din l-attivita u l-organizazzjoni taghha. Barra min hekk, sabiex tigi organizzata din l-attivita, din l-kumpanija, ghada taghti donazzjoni xierqa lil Kunsill Lokali tal-Birgu, minn qabel, biex tkopri l-ispejjez tad-dawl u l-ilma li jintuza u jekk l-organizzaturi jkunu jridu li l-post jitnaddaf wara l-attivita, il-hlas ta' dan ghandu jkun apparti u dirett lil min jaghmel ix-xoghol tat-tindif.. Wara diskussjoni, il-kunsilliera prezenti unanimament qablu li din l-attivita ta' "The Malta Artisan Market" ghada terga' ssir fil-Belt tal-Birgu, izda qabel ghandha tissejjah laqgha ma' l-organizzaturi ta' din l-attivita biex jigi ffinalizat ftehim bejn iz-zewgt partijiet. .

1.2 Item 1.2 (58/05) Triq San Lawrenz

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li l-Perit Daniel Cordina, mil-Awtorita tat-Trasport, nforma lil Kunsill li bejn Ottubru u Novembru, Triq San Lawrenz, ser jinbeda il-progett ta' pavimentar ta' din it-triq bil-*hot asphalt*. Is-Sindku zied jghid li n-nies ta' din it-triq qed jigu nfurmati b'kollox relatat ma' din it-triq.

1.3 Item 1.7(58/05) Berga ta' Franza

Is-Sindku tah rendikont tax-xoghlijiet li qeghdin isiru fil-Berga ta' Franza u nforma lil Kunsilliera li b'kollox nbiddlu erbgha (4) travi, tlieta fil-*Piano Nobile* u wiehed fis-sala. Barra min hekk, is-Sur John Boxall, Sindku qal li x-xoghol fuq il-kontrabejt, l-membrane u s-soqfa ta' din il-binja kienu lesti. Is-Sindku zied jghid, li bhalissa qed tigi ukoll installata s-sistema tal-panelli fotovoltajici, fejn b'kollox ser jitwehhlu 16-il panel. Is-Sindku rringrazzja lil haddiema assenjati mal-Kunsill mil-ETC u ta' l-IPSL, ghax qed jaghmlu hafna xoghol f'din il-binja.

1.4 Item 1.8(58/05) Jum il-Birgu, 2011

Is-Sindku, s-sur John Boxall, qal li din is-sena Jum il-Belt Rebbieha, kien organizzat ferm tajjeb u kienet attivita ta' success. Hawnhekk is-Sindku, rringrazzja lill-istaff klerikali tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, ghax-xoghol siewi li ghamlu sabiex tittella' din l-attiva. Is-Sindku, pprezenta kopja tal-fuljett "Flimkien"il-harga ta' Ottubru, 2011 fejn fil-kummenti miktuba minn Fr. John Avellino, filwaqt li ferah lis-Sur Joseph Scicluna talli kiseb l-Premju "Gieh il-Birgu, 2011", m'hemm imkien imsemmi li dan il-premju nghata mil-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku zied jghid li nkitbet ittra lil Fr. John Avellino, fejn ntalbet spjegazzjoni, izda sal-llum l-istess Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta.

1.5 Item 2.1 (58/05) Hruq tan-nar ta' l-ajru – Festa ta' San Duminku

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li wara li ttiehdet inkonsiderazzjoni t-talba tal-Kumitat Festi Esterni San Duminku, l-Kunsill Lokali tal-Birgu, approva din it-talba, sabiex



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

jinharaq nar ta' l-ajru fil-granet tal-Festa ta' San Duminku, miz-zona maghrufa bhala tal-hawli. Wara diskussjoni gie deciz li dan il-permess inghata ghal din is-sena biss.

1.6 Item 2.2 (58/05) Id-Dramm fuq il-Belt tal-Birgu, mtella' fl-okkazzjoni ta' Jum il-Birgu, 2011

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li d-dramm miktub mis-Sur George Peresso li gie mtella' fl-okkazzjoni ta' Jum il-Birgu, 2011, kien ta' success kbir, u nforma lil Kunsilliera li n-nefqa, kienet ferm inqas min dik ivvutata u dan seta' jsir, bl-ghajnuna tal-volontiera u ta' dawk l-individwi li b'xi mod jew iehor taw l-ghajnuna taghhom..

1.7 Item 2.4 (58/05) Is-servizz ta' tal-linja fil-Birgu mghotti mil-Kumpanija Arriva

Il-Kunsilliera Miriam Grech, qalet li din l-kumpanija holqot problem kbar fis-servizz li qed jghatu lir-residenti ta' din il-Belt. Din il-kumpanija, mhux qed taghti s-servizz mil-Pjazza tal-Birgu bl-iskuza li tal-linja ma tkunx tista' ddur ma' Triq Desain, minhabba l-karozzi pparkjati fuq id-*double yellow line*. Is-Sindku zied jghid li s-servizz min Fuq tal-Hawli mhux jinghata u ssugerixxa sabiex issir laqgha fl-iqsar zmien possibli mal-persuni responsabli mir-rottot fi hdan l-Kumpanija Arriva u l-Awtorita tat-Transport biex jigu diskussi l-problemi li r-residenti ta' din il-lokalita qeghdin jiffacjaw mis-servizz ta' l-Arriva. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.8 Item 2.5 (58/05) Il-Konferenza "hENCE" – Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera, li ghalkemm is-Sur Trevor Mizzi, gie maghzul mil-bord ta' l-ghazla ta' l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, sabiex jattendi ghal konferenza tal-progett "hENCE", gewwa l-Belt ta' Lauco, l-Italja, is-Sur Mizzi, ma setghax jattendi, minhabba li l-post tax-xoghol tieghu ma tawhx *leave* biex jattendi ghal din il-konferenza.

1.9 Item 2.6(58/05) Memo 63/11 – Skema ta' finanzjament ta' progetti specjali f'lokalitajiet zghar

Is-Sindku s-sur John Boxall qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu, applika taht l-"**iskema ta' finanzjarment ta' progetti specjali f'lokalitajiet zghar"** mahruga mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali taht Memo 63/2011, fejn applika ghal progett ta' accesibilta ghal persuni bi bzonnijiet specjali ghal-Knisja Parrokjali u Konventwali ta' San Lawrenza, sabiex jigi nstallat lift. Is-Sindku zied jghid li l-istima totali ghal dan il-progett huwa ta' € 39,820.

1.10 Item 2.7 (58/05) Memo 66/11 – Skema ta' finazjament ghat-titjib fil-Playing Fields

Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta kopja ta' l-applikazzjoni li l-Kunsill Lokali tal-Birgu pprezenta taht l-iskema ta' finanzjament ghat-titjib tal-Playing Fields mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali taht il-Memo 66/2011. Is-Sindku zied jghid li dan il-

progett huwa sabiex jissebbah u jigi mmodernizzat il-Gnien Rikreattiv li jinsab fi Triq San Dwardu fil-Birgu, fejn l-istima totali ta' dan il-progett huwa ta' €180,615.76.

Hawnhekk, is-Sindku pprezenta kopja tal-permess approvat mahrug mil-MEPA, ghax-xoghlijiet mehtiega f'dan il-gnien, liema permess, gie mibghut ukoll ma' l-applikazzjoni.

1.11 Item 2.10 (58/05) Uzu tal-Berga ta' Franza ghal esebizzjonijiet

Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu, jirrevedi l-kuntratt ta' l-uzu tal-Berga ta' Franza, ghal fini ta' esebizzjonijiet li jitellghu f'din il-Binja. Wara diskussjoni, l-kunsilliera prezenti bi qbil unannimu qablu li fil-kuntratt tal-ftehim, ghandu jitnizzel li dik il-persuna/persuni li ser itellghu esebizzjoni ghandhom ihallu pittura bhala ringrazzjament lil Kunsill Lokali tal-Birgu, liema pittura tintghazel mil-Kunsill u tkun wahda min dawk esebiti fl-ewwel gurnata tal-ftuh ta' l-istess esebizzjoni.

1.12 Item 2.14 (58/05) Inawgurazzjoni tal-Basketball Pitch fl-Iskola Primarja Santu Rokku

Is-Sindku s-sur John Boxall, qal li l-inawgurazzjoni tal-Basketball Pitch fl-Iskola Primarja Santu Rokku, ma kinitx saret u ghaldaqstant issugerixxa sabiex tinstab gurnata u jibdew il-preparamenti biex din issir. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.13 Item 3 (58/05) Impjieg ta' skrivan/a mal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

Is-Sindku qal li s-sinjorina Marilyn Ellul, giet maghzula bhala l-iskrava l-gdida mal-Kunsill Lokali tal-Birgu u bdiet tahdem ma' l-istess Kunsill nhar il-Hamis 1 ta' Settembru, 2011. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 2. Korrispondenza

2.1 Kunsill Lokali Zghazagh

Is-Sindku pprezenta kopja ta' l-applikazzjoni mahruga mil-Agenzija Zghazagh, ghal Kunsill Lokali Zghazagh. Is-Sindku qal li l-Kunsill wera x-xewqa li jippartecipa f'din l-inizjattiva, biex fil-Belt tal-Birgu, jerga' jkun hawn Kunsill Lokali ghaz-Zghazagh.

2.2 Il-Monument tal-Helsien

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali, mil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Xoghol u Familja, liema korrispondenza d-dipartiment bghata lil Kunsill Lokali tal-Birgu, sabiex l-istess Kunsill, jikkonsidra jiehu taht ir-responsabilta tieghu l-Monument tal-Helsien. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jitlob laqgha ma' l-Awtoritajiet koncernati biex ikun jista' jiddiskuti d-diversi mistoqsiijiet li ghandu qabel ma tkun tista' tittiehed decizjoni finali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Il-Progett ALDA iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea taht "Europe for Citizens Programme"

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-"Association of Local Democracy Agencies", fl-Italja, tablet lil Kunsill Lokali tal-Birgu, sabiex jissieheb maghha fil-progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, l-progett ALDA, fejn ir-responsabilta tal-Kunsill f'dan il-progett ser tkun li jorganizza konferenza fil-Belt tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Kwotazzjoni – Librerija

Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni ghal *book shelf* ghal librerija regjonali minghand il-mastrudaxxa Lawrence Barbara, ghal prezz ta' € 250. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Attivita Letteratura u Djaletti – VersAghtini

Talba mil-"Ghaqda Vers Aghtini", sabiex bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, fil-Berga ta' Franza, nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru, 2011, titella' serata ta' Letteratura, rakkonti bid-djalett u muzika Maltija, ghal liema attivita, fit-totalita taghha il-Kunsill intalab kontibuzzjoni ta' € 100. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku talab lil Kunsilliera Judith Saliba, sabiex din l-attivita, tkun fir-responsabilta taghha.

2.6 Technical meeting – Il-Progett "Oralities".

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti, li l-*lead partner* tal-progett Oralities, nforma lil Kunsill li l-laqgha li jmiss ser issir bejn it-2 u t-3 ta' Dicembru, 2011, gewwa Ravenna, fl-Italja u ghal din il-konferenza, ser jattendi huwa flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Il-progett "Creart"

Is-Sindku nforma lil Kunsill li wara talba li saret mil-Assocjazzjoni AVEC, sabiex dawk kollha interessati jissiehbu fil-progett "Creart". Is-Sur John Boxall, Sindku, zied jghid li l-Kunsill wera x-xewqa li jippartecipa f'dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Is-Suq tal-Bdiewa fil-Birgu

Is-Sindku, s-sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li wara t-talba li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien ghamel sabiex fil-Belt tal-Birgu, jibda jsir, s-suq tal-bdiewa, l-istess Kunsill ircieva korrispondenza mis-Sur Christopher Ciantar, Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-affarijiet rurali, li r-responsabilta li jinholooq suq tal-bdiewa,

taqa' that l-amministrazzjoni tas-swieq fid-direttorat tas-swieq bl-ingrossa u facilitajiet tal-flotta tas-sajd, liema talba, qieghda fil-process li tigi annalizzata.

2.9 Il-progett "Empower – Tahrig ghaz-Zghazagh tal-lokalita"

Is-Sindku pprezenta l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, ghal progett "Empower – Tahrig ghaz-Zghazagh tal-Lokalita" mahruga mil-Agenzija Zghazagh. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsillier Ivan Peresso, ghandu f'idejh dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 National Volounteer Award 2011

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li ghal dan il-premju, il-Kunsill Lokali tal-Birgu nnomina lis-Sur Arthur Demarco, ghax-xoghol siewi ta' volontarjat li jaghmel fil-komunita tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Technical meeting – Progett Seatoland

Is-Sindku, s-sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li l-konferenza li jmis ta' dan il-progett ser issir gewwa l-belt ta' Piraeus fil-Grecja bejn is-7 u t-8 ta' Novembru, 2011. Hawnhekk, zied jghid li hu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva ser jattendu ghal din il-laqgha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.12 Stedina ghal partecipazzjoni fil-konferenza "1st Interregiional Conference fo the MEDEEA project" – Mediterranean Implementation of European Energy Award.

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu, ircieva stedina mil-Fondazzjoni Temi Zammit, that l-agenzija MIEMA sabiex jippartecipa fil-konferenza tal-progett MEDEEA, liema progett huwa taht ir-responsabilta ta' l-Agenzija MIEMA. Is-Sindku zied jghid li ghal din il-konferenza kien hemm mistiedna sebgha kunsilli Lokali izda, jistghu jattendu hames persuni biss u ghal kull delegat hemm ivvutat l-ammont ta' € 1000. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jippartecipa f'din il-konferenza u l-Kunsillier Ivan Peresso ghandu jattendi u jirraprezenta lil Kunsill Lokali tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.13 Ingagg mal-Kunsill ta' skrivan/a part-time fuq progetti ta' l-Unjoni Ewropea

Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali, fejn ghal darb'ohra talab sabiex ikollhu l-possibilta li jingagga persuna fuq bazi part time responsabli biss fuq progetti ta' l-Unjoni Ewropea, liema talba l-Kunsill gie nfurmat li ser tigi diskussa fil-laqgha manigerjali li jmiss li d-dipartiment ser ikollhu.

2.14 Tnaqqis mil-allokazzjoni

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, ipprezenta korrispondenza mibghuta mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali, fejn l-istess Kunsill gie nfurmat li mir-raba' *tranche* ta' l-allokazzjoni finanzjarja, ser jigi mnaqqas l-ammont ta' € 4591.94, bhala penali talli kemm il-*financial statements* ta' l-ahhar tas-sena kif ukoll ir-Rapport ta' l-Awditur ma waslux fil-hin. Is-Sindku qal li l-Kunsill bghat korrispondenza lid-Direttur, fejn infurmah li l-istess Kunsill m'ghandux jigi ppenalizat, meta l-Awdituri kienu li damu hafna biex jibghatu l-*financial statements,* min-naha taghhom. Barra min hekk, s-sur John Boxall, Sindku zied jghid li l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ukoll ser taghmel ilment lill-Awtoritajiet minhabba din is-sitwazzjoni, ghan-nom tal-Kunsilli Lokali kollha.

2.15 <u>Restawr ta' sala fil-Berga ta' Franza, mir-Rotary Club La Vallette</u>

Email minghand is-Sinjura Patricia Salamone, rapprezentanta tar-Rotary Club La Vallette, fejn nfurmat lil Kunsill Lokali tal-Birgu, li din is-socjeta, kienet lesta li tiffinanzja r-restawr ta' wahda mis-swali fil-Berga ta' Franza, bil-possibilta li meta jkollhom bzonn, ikunu jistghu juzaw din il-kamra ghas-skapitu taghhom. Wara diskukssjoni, dwar din it-talba kien hemm qbil unanimu.

2.16 <u>Talba mil-hanut Victory Square</u>

Talba mil-hanut Victory Square, fejn tah proposta lil Kunsill Lokali tal-Birgu, biex il-parkegg fi Triq La Vallette, jinqaleb u jsir fuq in-naha tal-lemin ta' triq. Barra min hekk is-Sur Emanuel Camilleri, sid il-hanut 'Victory Square' talab sabiex jekk din it-talba tigi approvata, jinghata l-permess, sabiex quddiem il-hanut tieghu ikun jista' johrog l-mwejjed u s-siggijiet. Is-Sindku s-sur John Boxall, pprezenta mappa mibghuta mis-sur Camilleri ghal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni l-Kunsilliera prezenti, unimament qablu li ghandu jittiehed parrir ulterjuri minghand il-Koperattiva tat-Tabelli u s-Sinjali u jitlob lis-Sur Camilleri jikkonsultadin l-idea mar-residenti li hemm man-naha tal-hanut tieghu u wara jaghti risposta lil Kunsill tal-kummenti taghhom ..

2.17 <u>Tender – Knis u Tindif tat-Toroq</u>

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti, li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien ircieva d-decizjoni finali mil-bord ta' l-evalwazzjoni tal-kuntratti pubblici, wara l-appell fuq id-decizjoni li kien ha l-Kunsill mil-kumpanija Dimbros Ltd. , liema decizjoni kienet favur il-kumpanija Dimbros Ltd. Ghaldaqstant is-Sindku qal li din il-kumpanija ha tibda topera fil-Birgu, b'konforma mat-tender SS 05/11 ghas-servizz tal-knis u t-tindif tat-toroq min nhar it-Tlieta 1 ta' Novembru, 2011. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. <u>Decizjoni dwar it-tender ghal gbir ta' skart goff</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera, li kif kien mitlub saru l-kjarifiki mehtiega min-naha tal-Kunsill ghat-tender mibghut tal-kumpanija Dimbros Ltd. Fejn l-ammont ta' €3.05 jkopri l-oggetti kollha min kull *household.* Wara diskussjoni, s-Sindku

ssugerixxa sabiex il-Kunsill jmur ghal irhas offerta, dik tal-kumpanija Dimbros Ltd. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

4. **<u>Decizjoni dwar it-tender ghal provediment ta' servizzi nkonessjoni mal-Progett "Seatoland" taht il-programm MED parti ffinanzjat mil-Unjoni Ewropa</u>**

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera li t-tender ghal provediment ta' servizzi nkonessjoni mal-Progett "Seatoland" kien ghalaq nhar l-24 t'Awwissu, 2011, u ghal dan it-tender applikat biss l-kumpanija ZUM Coop Ltd. ghal prezz ta' € 64,994.40. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din l-applikazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

5. **<u>Rendikont tal-BirguFest 2011</u>**

Is-Sindku, s-sur John Boxall, tah rendikont ta' l-attivita tal-BirguFest 2011 u tenn li din is-sena din l-attivita kienet ta' success kbir, u dan ma setghax ikun possibli, minghajr l-ghajnuna tal-bosta volontiera li ghenu lil Kunsil Lokali tal-Birgu, matul it-tlett ijiem ta' din l-attivita. Hawnhekk, is-Sindku pprezenta kopja tar-rendikont finanzjarju mhux iffinalizat ta' din l-attivita. Fit-totalita taghha, din l-attivita giet tiswa, € 34,412.91, filwaqt li sal-llum il-Kunsill gabar l-ammont ta' € 30,567.50 f'donazzjonijiet ghal din l-attivita. Ghaldaqstant is-Sindku nforma lil Kunsilliera li din l-attivita giet tiswa lil Kunsill Lokali tal-Birgu, madwar € 3845.41. Wara diskussjoni, s-Sindku qal li aktar tard ser jerga' jinghata rendikont iffinalizat ta' din l-attivita.

6. **<u>Il-Kaz J.C. Zam Construction Ltd. Vs. Kunsill Lokali Birgu</u>**

Is-sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu, tilef il-kaz kontra il-kumpanija J.C. Zam. Construction ltd., il-kaz li kien jirrigwardja xoghlijiet li saru Fuq tal-Hawli, quddiem Blokk D. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill irid ihallas l-ammont ta' € 41,088.45, liema ammont qieghed jizdied kuljum minhabba l-interessi. Is-sur Boxall, qal li s'issa l-Kunsill diga hallas l-ammont ta' € 25,000.

7. **<u>Il-progett ta' parkegg u Gnien Fuq tal-Hawli</u>**

Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera li l-progett tal-Gnien fuq tal-Hawli, rega' tkompla llum u qal li sfortunatament l-estimi prezentati lil Housing Authority mil-Perit Duncan Mifsud, ma kienux korreti. Is-Sindku pprezenta estimi maghmula mil-Perit Marvin Ellul liema estimi ikopru biss l-progett ta' parkegg biss. Is-sur Boxall, kompla jghid li l-maggoranza tan-nies f'din iz-zona jridu l-parkegg u mhux il-Gnien, liema talba giet approvata mil-Housing, fejn ser tinghata priorita biex issir il-parkegg qabel il-Gnien. Is-Sindku pprezenta stima minghand il-Perit Marvin Ellul, ghal prezz ta' € 51,021.54. u zied jghid li l-parkegg ser ikun lest fi zmien xahrejn. Hawnhekk, is-Sindku zied jghid li l-Gnien Fuq tal-Hawli, minhabba rizorsi ta' flus, il-Gnien mhux ser issir ghalissa.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,

Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera

Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

## 8. Rapport dwar il-konferenza tal-Walled Towns Friendship Circle gewwa Lucca, fl-Italja

Il-Kunsilliera Miriam Grech, tat rendikont tal-konferenza tal-Walled Towns Friendship Circle, li saret gewwa Lucca, fl-Italja. Is-Sinjura Miriam Grech, qalet li din l-Assocjazzjoni ddecidew li l-isem taghha jinbidel ghal “European Walled Towns for Friendship Circle”. Barra min hekk, il-Kunsilliera Grech, qalet li waqt il-konferenza kien hemm proposta sabiex il-Kunsilli Lokali interessati jissiehbu fi progett li ser ikun iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea ghal prezz ta’ € 500, izda ma nghatat l-ebda iktar informazzjoni dwar x’ser ikun il-progett, hlief li 5 pajjizi biss jistghu jkunu membri fih. Il-Kunsilliera Grech, qalet ukoll li s-Symposium, mhux ser issir f’Malta fl- 2013, minhabba li f’dik is-sena ser issir l-elezzjoni, izda gie propost li flok issir s-symposium, issir l-Executive Meeting ta’ din l-assocjazzoni. Il-Kunsiliera Miriam Grech, qalet li l-Kunsill ghandu jiricievi risposta aktar –il quddiem.

## 9. Affarijiet Ohra

9.1 Harga divertenti ghal kulhadd

Il-Kunsilliera Judith Saliba, ssugerit sabiex nhar l-Erbgha 16 ta’ Novembru, 2011, issir harga divertenti fejn f’din l-attivita, dawk li jattendu jmorru dawra fuq il-*Malta Fun Train* gewwa Bugibba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

9.2 Party ghat-tfal fl-okkazzjoni tal-Milied

Il-Kunsilliera Judith Saliba, ssugeritt sabiex fl-okkazzjoni tal-Milied, din is-sena, il-Kunsill Lokali tal-Birgu jorganizza party ghat-tfal. Il-Kunsilliera Miriam Grech issekondat u qalet li hi flimkien mal-Kunsilliera Judith Saliba ser jiehdu hsieb jorganizzaw din l-attivita li ser titella’ nhar il-Gimgha 16 ta’ Dicembru, 2011, fil-Berga ta’ Franza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

9.3 Kotba dwar il-Birgu minghand il-kumpanija Miller Distributors

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-kumpanija Miller Distributors jixtiequ jaghmlu ktieb ghat-tfal fuq il-Belt tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

9.4 Lista ta’ pagamenti.

Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta’ pagamenti dovuti mill-Kunsill. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sinjura Miriam Grech, Kunsilliera, issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-8 : 45 ta’ filghaxija u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 15 ta’ Novembru

Christine Bonello
Segretarja Ezekuttiva

ikkonfermati John Boxall
Sindku



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva